MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Numru 481/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MELVYN CAMILLERI**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**CLAYTON FAVA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clayton Fava ta’ 22 sena, iben Paul u Josette nee’ Zammit, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-17 ta’ Lulju 1997, residenti 74, Alley 3, Triq San Guzepp, Haz-Zabbar, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 345887(M);

Illi huwa akkuzat talli f’Haz-Zabbar, nhar is-16 ta’ Mejju 2010 ghal-habta tas-7 ta’ fil-ghaxija:

1. B’eghmil zieni, ikkorrompa lil huh Jean Claude Fava, minuri ta’ 10 snin liema delitt sar bi hsara ta’ persuna li ma

ghaqitx l-eta’ ta’ tnax-il sena u wkoll minn axxendent mid-demm;

2. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ huh Jean Claude Fava, minuri ta’ 10 snin;

3. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi b’eghmil zieni, ikkorrompa lil Gareth Chlach, minuri ta’ 11-il sena liema delitt sar bi hsara ta’ persuna li ma ghalqitx l-eta ta’ tnax-il sena u wkoll minn axxendent mid-demm;

4. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ Gareth Chlach, minuri ta’ 11-il sena;

5. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi b’eghmil zieni, ikkorrompa lil Joseph Alshlash, minuri ta’ 13-il sena;

6. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi b’xi mezz barra minn daki imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ Joseph Alshlash, minuri ta’ 13-il sena;

7. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku;

8. Aktar talli fl-istess data, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet ta’ l-Ordni tal-Probation moghtija lilu f’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli datata 2 ta’ Lulju 2009;

9. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet mposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli fid-digriet taghha tat-18 ta’ Novembru 2009 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali u cioe li wettaq reat ta’ natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Mala kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Onorabli Qorti jidhrilha xierqa;

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-minuri hawn fuq indikati u l-familja taghhom ai termini ta’ l-Artikolu 383 et. sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.73) taht liema Artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputat;

Rat il-verbal datat 3 ta’ Frar 2011 (fol.76) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat ghar-rigward tas-seba’ (7) u d-disa’ (9) akkuza;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni ghar-rigward tas-seba’ (7) u d-disa’ (9) akkuza wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ghal ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din l- kawza si tratta fuq akkuzi migjuba kontra l-imputat (ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena) u cioe’ akkuzi ta’ korruzzjoni ta’ minorenni ta’ ghaxar (10) snin, ta’ hdax (11) il- sena u tlettax (13) il- sena tnejn minnhom membri tal-familja tal- akkuzat; akkuzi ta’ facilitazzjoni ta’ l- istess u akkuza ta’ offiza tal- pudur jew il- morali b’ ghemil li sar f’ post pubbliku jew post espost ghal- pubbliku.

Il-provi kollha tal- Prosekuzzjoni juru b’ mod skjaccanti li l-imputat wara argument familjari u sabiex jinsulenta lil missier il- minuri koncernati, espona il- parti genitali tieghu u l- warrani tieghu lil dawn t- tfal ( ara xhieda ta’ l- Ispettur Fabian Fleri a fol 23 u 24). Illi jirrizulta b’ mod anki ampju li fl- ebda hin ma saret xi mossa mill imputat biex ihajjar f’

sens sesswali t- tfal koncernati izda saret biss bhala dispett kbir fil-konfront ta' missier il- minuri.

Illi ghalhekk jonqsu l- elementi essenzjali sabiex jissustixxu l- akkuzi minn wiehed (1) sa sitta (6) tant hu hekk li l- Avukat Generali irtira dawn l- akkuzi kollha tacitament billi naqas li jindikhom fl- Artikli mibghuta lil din l- Qorti.

Di piu' l- Avukat Generali ma elenkax fl- Artikli mibghuta lil din il- Qorti, l- Artikli tal- Ligi li jikkoncernaw it- tmien (8) akkuza u dan stante li din ma tirrizultax fis- sens li ma kienx hemm ksur ta' Ordni ta' Probation, apparti li fis-Seduta ta' 23 ta' Lulju, 2010 il- Prosekuzzjoni irtirat l-istess tmien (8) akkuza.

Illi ghal- dawn il- mottivi l- Qorti ssib lil imputat hati ta l-akkuza seba' (7) u disgha (9) u wara li rat l- Artikolu 209, 579 (1)(2) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u Artiklu 7 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta, tqieghed lil imputat taht ordni ta' Probation ta' sena u seba' xhur taht is-sorveljanza tad- Direttur tal- Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il- Qorti tordna li kopja ta' din is- Sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------